MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2012

Numru 36/2004

Il-Pulizija
(Spettur Walter Spiteri)

vs

Nazzareno sive Rennie Scicluna

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat bin Michael u Censina Farrugia imwieled Ghaxaq u residenti 'Arjuza' Triq l-Imqabba, Siggiewi, akkuzat talli:

- Fiz-Zurrieq fit-22 ta' Jannar 2002 bhala sid ta' barrier, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna il-mewt ta' Loreto Cutajar mill-Gudja;
- Fit-22 ta' Jannar 2002 fl-istess barriera li tinsab go Valletta Road, Zurrieq naqas milli jassigura s-sahha u s-

sigurta' u milli jiehu dawk il-prekawzjonijiet kollha necessarji fuq il-post tax-xoghol taht il-kontroll tieghu sabiex jikkontrolla r-riskju b'tali mod li jigi ridott sabiex jipprevjeni disgrazzja bi ksur tal-Kap 367 tal-Att Ghall-Promozzjoni tas-Sahha u Sigurta' fuq ix-Xoghol (Att VII ta' l-1994) Artikolu 9(1)(a) u (c);

- Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija tordna li jigu ikkancellati jew revokati l-permessi kollha ta' din il-barriera li hemm fuq l-isem l-imputat skond l-Artikolu 18(2) tal-Kap 367.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat General li bih fuq l-artikoli tal-ligi hemm mahruga minnu bghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti dwar htija jew nuqqas taghha fl-imputat;

Semghet ix-xhieda kompriza tal-imputat minn jeddu u bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Huwa assodat li l-imputat fiz-zmien inkriminat kien jopera barriera fuq sit tal-Gvern liema barriera kienet f'Valletta Road Zurrieq. Huwa akkuzat li fil-jum tat 22 ta' Jannar 2002 bhala sid l-istess barriera kien responsabbli ghall-korriment u eventwali mewt ta' Loreto Cutajar, impiegat tieghu, senjatament, minhabba nuqqas ta' tharis tar-regolamenti fuq il-post tax-xoghol da parti tieghu b'daqstant li irrenda ruhhu involontarjament responsabbli ghall-mewt tal-impiegat tieghu. Intant, ma jidhirx li hi kontestata d-dinamika tal-incident li sehh fil-waqt li l-vittma kien qieghed jopera 'fork lifter' f'trejqa fl-imsemmija barriera livell il-fuq minn rampa li taghti ghal fejn kien qieghed jitqatta' l-blat, meta inavvertitament oltrepassat il-konfini tat-trejqa u waqqghet ghal xi hames piedi ghal fuq ir-rampa sottoposta ghaliha b'dan li l-vittma spicca intrappolat taht il-'fork lifter' trafitt mill-furkettuni tieghu. Il-

vittma miet xi hin wara l-Isptar kawza tal-griehi li kien garrab.

Fir-rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali apparti d-disposizzjoni generali kontenuta fil-Kodici Kriminali fl-Artikolu 225 jiccita l-Artikolu 6 tal-Kap 424 gja artikolu 8(1) [recte Artikolu 9] tal-Kap 376 abbrogat permezz tal-ewwel citat Att. L-artikolu invokat tal-Kap 424 kif wkoll l-artikolu 9 tal-Kap 376 jitfaw l-oneru ta’ responsabilita’ fuq minn jhaddem biex jizgura s-sahha u s-sigurta’ tal-haddiema tieghu fuq il-post tax-xoghol irrispettivament minn kull obbligu tal-haddiem. Ghandu responsabilita’, fost ohrajn, li jaccerta li l-post tax-xoghol ikun hieles minn kull perikolu ghas-sahha u ghas-sigurta’ u mhux biss ghall-haddiem izda anka ghall-terzi.

Fil-kawza in disamina huwa dan l-aspett ta’ sigurta’ li ghandu jigi mistharreg. Fil-fatt jirrisulta li fejn kien qieghed jigi adoperat il-‘fork lifter’ ma kienx tlesta il-hajt tar-recinzzjoni bejn l-istess u r-rampa sottostanti. Izda mhux hekk biss billi gie konstatat li anke il-‘fork lifter’ in kwistjoni kellhu bosta nuqqasijiet konsistenti f’traskuragni fil-manutenzjoni tieghu li dehru lampanti principalment fis-sistema tal-‘brakes’, inkluz il-‘hand brake’ u s-sitema tal-isteering apparti li kellu wahda mir-roti tieghu kompletament lixxa. Targa, mhux hekk biss, billi mix-xhieda tal-ufficjali adetti ghas-sahha u s-sigurta fuq postijiet tax-xoghol gew osservati, konstatati u elenkati numru ta’ nuqqasijiet ohra fil-lant tal-barriera.

L-imputat xehed u stqarr li l-barriera kien jiehu hsibha l-vittima u tabilhaqq stqarr li ‘ Loreto [il-vittma] kien ikun prattikament wahdu fil-barriera’ (kif difatti hekk rrisulta meta sehh l-incident fatali). Ta’ rilevanza x-xhud irrifera ghall-ilqugh (ossija l-hajt ta’ recinzjoni tat-trejqa, aktar il-fuq imsemmi) u zied jghid li kien inbeda u ma tlestix minhabba li kien twaqqaf mill-Awtorita’ tal-Ippjanar; ippresenta dokument fir-rigward.

Dwar din ix-xhieda l-Qorti thoss li ghandha fl-ewwel lok tirrimarka li l-Awtorita’ tal-Ippjanar kienet apparentement oggezzjonat fir-rigward il-‘batching plant’ li jidher li tlesta

fin-1998 u mhux proprjament ghall-ilqugh li inbeda fit-2001 u kien ghadu fl-istat tal-bidu tieghu meta sehh l-incident; fit-tieni lok hi inferita f'dak li stqarr l-imputat il-konsapevolezza tieghu rigward il-htiega tal-ilqugh. Fuq kollox hu l-imputat stess li stqarr li f'dik l-arja kienet issir l-aktar attivita'.

Dwar dak mistqarr mill-imputat li l-barriera ma' kinitx u mhix proprjeta tieghu, li kien biss joperha, l-Qorti tosserva li l-imputat kien direttur tas-socjeta' li, wkoll fi zmien inkriminat, kienet topera l-barriera, cjoe' R. Scicluna Limited, b'daqstant li huwa gie personalment azzjonabbli kriminalment kemm il-darba ma jkunx ippruva li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif tieghu u li jkun esercita id-diligenza kollha xierqa biex jevita l-ghemil tar-reat (Artikolu 13 tal-Kap 249). Fir-rigward ta' dan il-Qorti tafferma li ghalkemm mill-provi prodotti jirrisulta li r-reat sar minghajr it-taghrif tal-imputat jibqa' li huwa ma esercitax id-diligenza kollha xierqa biex jevita l-ghemil tar-reat, irrispettivament, tenfazizza l-Qorti, dwar nuqqas jew traskuragni, fattwali jew presunta tal-impiegat.

In vista tal fuq espost issib l-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 9(1)(a) u (c) u 18(1)(2) tal-Kap 367 ossija l-ligi applikabbli fiz-zmien ir-reat u f'kull kaz l-aktar favorevoli ghalih dwar piena. Ikkunsidrat l-fedina penali tieghu. Ukoll li l-vittma ikkontribwixxa mhux ftit ghall-fatalita'. Tikkundannah tlett telef euro multa.

In vista tac-cirkostanzi mhix tal-fehma li ghandha tordna it-thassir ta' xi licenzji konnessi man-negozju.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------